# IS-SERVIZZ PUBBLIKU: LINJI GWIDA FUQ X'INHU MEQJUS BHALA FASTIDJU SESSWALI U L-PROĊEDURI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU F'KAŻIJIET TA' FASTIDJU SESSWALI[1]

## 1. *Introduzzjoni*

Dan id-dokument jiddefinixxi x'inhu meqjus bhala fastidju sesswali u jipprovdi l-proċeduri li għandhom jittieħdu f'każ ta'allegazzjoni ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Dan id-dokument huwa mfassal fuq pubblikazzjoni li ħarġet il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni u l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (NCPE).

Artiklu 9 ta' l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, (Kapitlu 456) jipprovdi illi hija offiża kriminali li persuna tagħti fastidju sesswali, kemm jekk din il-persuna tkun uffiċjal pubbliku jew le. Il-fastidju sesswali huwa wkoll projbit taħt Artiklu 29 (3) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitlu 452).

Dawn il-linji gwida jorbtu lill-impjegati kollha tas-Servizz Pubbliku, kemm jekk impjegati *full-time* kif ukoll jekk impjegati *part-time*. Torbot ukoll lill-impjegati li qegħdin fuq kuntratt kemm jekk dan sar permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll jekk dan ma sarx b'dan il-mod. Apparti hekk, dawn il-linji gwida jorbtu wkoll lill-istudenti u lill-apprentisti li jkunu ngaġġjati fis-Servizz Pubbliku, matul il-perjodu ta' l-istess kuntratt, ingaġġ jew apprentistat.

## 2. *Dikjarazzjoni ta' Prinċipji*

a) Is-Servizz Pubbliku huwa *employer* li jħaddan il-prinċipju ta' l-ugwaljanza

[1] Dawn il-Linji Gwida huma mfassla fuq il-pubblikazzjoni li ħarget il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, li tinsab 2 Cavalier Street il-Belt Valletta Tel: 2590 3850 Fax: 2590 3851

bejn in-nisa u l-irġiel u għalhekk ma jittollera l-ebda forma ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti u l-impjegati kollha huma marbutin li jħarsu sew ir-regoli ta' l-imġieba li jidhru f'dan id-dokument. Jekk dawn ir-regoli ta' l-imġieba ma jkunux osservati, jittieħdu proċedimenti kriminali jew dixxiplinarji kontra dak li jkun.

b) Is-Servizz Pubbliku jippromovi ambjent dinjituż fuq il-post tax-xogħol, u relazzjonijiet armonjużi bejn l-impjegati li jwasslu għall-apprezzament, ftehim u rispett lejn xulxin fuq il-post tax-xogħol. Is-Servizz Pubbliku jemmen li l-prevenzjoni tal-fastidju sesswali hija parti importanti minn tmexxija tajba tar-riżorsi umani fuq il-post tax-xogħol. Il-vittma tal-fastidju sesswali tista' tgħaddi minn esperjenza ta' stress emozzjonali, stress fiżiku u/jew bidla għall-agħar fil-qadi tad-dmirijiet tagħha. Jekk il-fastidju sesswali ma jkunx indirizzat, is-Servizz Pubbliku jista' jkun affettwat ħażin billi jonqos il-moral ta' l-impjegati, tiżdied ir-rata ta' assentejiżmu, jikber in-numru ta' impjegati li jibdlu ix-xogħol tagħhom, u tonqos il-produttivita`.

c) Il-Gvern jemmen li l-fastidju sesswali huwa vjolazzjoni tad-dinjita` ta' l-impjegati u dan jista' jkollu effett negattiv fuq l-ambjent tal-post tax-xogħol u s-saħħa emozzjonali, mentali u l-bqija ta' l-impjegati u/jew tal-klijenti.

3. ***Għanijiet:***

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li:

- jaċċertaw li l-impjegati u l-klijenti tas-Servizz Pubbliku jkunu ttrattati b'rispett.

- jiżguraw li jitħarsu d-dinjità u l-iżvilupp personali ta' l-impjegati kollha.

- jinfurmaw u jedukaw lill-impjegati dwar liema hi l-imġieba mhix aċċettabbli, billi jirrikonoxxu li dak li jkun aċċettabli għal persuna jista' ma jkunx hekk għal ħaddieħor.

- jipprovdu informazzjoni dwar mezzi ta' rimedju għall-vittmi ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. L-ebda impjegat jew klijent m'għandu jibża' li jista' jkun ivvittimizzat jekk iressaq xi ilment dwar fastidju sesswali, kemm jekk dan il-fastidju jiġi minn xi mpjegat jew minn xi klijent tas-Servizz Pubbliku. Kull allegazzjoni ta' fastidju sesswali tittieħed b'serjetà kbira u b'kunfidenzjalità, u jittieħdu l-passi neċessarji kollha dwar l-ilment.

- joħloqu ambjent ta' xogħol li ma jagħtix lok għal fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

4. ***Definizzjoni tat-termini***

*Fastidju sesswali*: imġieba ta' natura sesswali mhux mixtieqa jew imgieba sesswali oħra li taffettwa d-dinjita` tan-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol, u anki waqt qadi uffiċjali 'l barra mill-post tax-xogħol, jew ċirkostanzi bħal meta wieħed jagħti jew jieħu *lift* mid-dar għax-xogħol u *vice versa*. Il-fastidju sesswali għandu forom differenti, li jvarjaw minn kummenti sesswali relattivament ħfief għal vjolenza fiżika. Hawn taħt hawn lista ta' x'jista' jkunu meqjus bħala fastidju sesswali:

- *Kuntatt fiżiku ta' natura sesswali*: normalment meqjus bħala kuntatt fiżiku mhux mixtieq u li jvarja minn kuntatt bla bżonn, żegħil jew qris, li wieħed iħakkek mal-persuna ta' impjegat ieħor apposta, sa assalt, u att sesswali sfurzat li jsir fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-atti sfurzati jistgħu jwasslu għal passi kriminali.

- *Diskors ta′ natura sesswali*: dan jista′ jinkludi avvanzi sesswali mhux mixtieqa, proposti jew pressjoni għal attività sesswali; proposti kontinwi għal attivitajiet soċjali wara l-ħin normali tax-xogħol minkejja illi dawn il-proposti kienu diġa` rifjutati b′mod ċar, namrar offensiv, kummenti suġġestivi, ċajt insensittiv, u insinwazzjonijiet u kummenti oxxeni jew indeċenti.

- *Imġieba mhux verbali ta′ natura sesswali*: din tirreferi għal turija ta′ materjal pornografiku jew stampi, oġġetti, kitba u ġesti sesswalment suġġestivi permezz ta′ mezzi elettroniċi jew mezzi oħrajn.

- *Imġieba sesswali*: imġieba li tbaxxi, tirredikola, jew li hija intimidatorja jew fiżikament abbużiva lejn is-sess ta′ l-impjegat, bħal abbużi jew insulti degradanti li huma relatati mas-sess ta′ dak li jkun u kummenti offensivi dwar l-apparenza jew l-ilbies tiegħu jew tagħha. Din l-imġieba tista′ toħloq ambjent ta' xogħol offensiv għal min tkun indirizzata din l-imġieba.

- *Rikatt sesswali (abbuż ta' awtorita`)*: imġieba fejn ir-rifjut jew is-sottomissjoni għal imġieba sesswali mhux mixtieqa tkun użata bħala bażi għal meta jittieħdu xi deċiżjonijiet li jaffettwaw l-ingaġġ, l-impjieg, it-taħriġ u l-opportunitajiet ta′ promozzjoni ta′ l-impjegat, u forom oħra ta′ kumpens. Din it-tip ta' imġieba titqies bħala abbuż ta' awtorita` meta xi ħadd li għandu l-awtorita` maniġerjali jew ta′ superviżjoni kemm diretta jew indiretta (li jkun kapaci li jinfluwenza) jhedded, jinfluwenza jew effettivament jieħu deċizjoni dwar l-impjieg liema deċiżjoni taffettwa lill-vittma.

Din il-lista m′hix eżawrjenti u m′għandhiex titqies bħala tali.

## 5. *Proċeduri*

- Dawn il-proċeduri għandhom l-għan li jiggwidaw kemm lill-Kapijiet tad-Dipartimenti kif ukoll lill-impjegati, dwar kif il-każijiet ta' fastidju sesswali għandhom ikunu ttrattati b'mod ġust, konsistenti, u mingħajr dewmien, filwaqt li jiżguraw *standards* ta' prattika tajba, ġustizzja naturali u kunfidenzjalita` assoluta.

- Dawn il-proċeduri jirriflettu *standards* attwali ta' prattika korretta u jimxu fuq il-prinċipji bażiċi ta' ġustizzja naturali, li huma:

  - li l-persuna mixlija b'fastidju sesswali għandha tkun infurmata bin-natura ta' l-akkuża ta' l-allegata kondotta mhux xierqa miġjuba kontrih/a;

  - li għandha tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tiegħu/tagħha qabel ma jinbdew l-passi dixxiplinarji kontrih/a.

L-għan prinċipali tal-proċeduri imsemmija f'dan id-dokument huwa li l-każijiet ta' fastidju sesswali jkunu indirizzati b'mod kostruttiv billi jipprovdu lill-impjegati bil-possibilta` li jirranġaw l-imġieba tagħhom. Dawn il-proċeduri jippruvaw jilħqu dan l-għan billi ksur mhux serju tal-kodiċi ta' imġieba jkun indirizzat kemm jista' jkun b'mod informali (dejjem bil kunsens tal-vittma).

## 6. *Applikabbilità*

Dawn il-proċeduri japplikaw fil-każijiet ta' fastidju sesswali li jistgħu jsofru l-impjegati kollha tas-Servizz Pubbliku, sew jekk impjegati *full-time* jew *part-time*, sew jekk ikunu

persuni li jkunu qed jaħdmu b'kuntratt (sew jekk il-kuntratt sar permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kif ukoll jekk dan ma sarx b'dan il-mod). Din il-proċedura tapplika wkoll għall-istudenti u għall-apprentisti ingaġġjati fis-Servizz Pubbliku matul il-perjodu ta' l-istess kuntratt, ingaġġ jew apprentistat.

7. ***Taħriġ***

- L-impjegati kollha għandhom ikunu infurmati dwar dawn il-Linji Gwida permezz ta' taħriġ formali u informali. Hemm l-intenzjoni illi, l-i*Staff Development Organisation* tipprovdi u/jew tiffaċilita dan it-taħriġ. Dawn il-programmi ta' taħriġ għandhom jispjegaw il-Linji Gwida, l-implikazzjonijiet legali ta' fastidju sesswali, u kif tista' tinkiseb l-għajnuna anke minn barra d-Dipartiment għall-benefiċċju ta' dawk li jħossuhom aktar protetti jekk jagħmlu dan. L-impjegati ikunu infurmati wkoll li jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' xi rapprezentant ta' xi *union* jew ta' l-impjegati meta l-impjegat konċernat jiddeċiedi li l-kwistjoni għandha tkun indirizzata b'mod formali.

- Il-programmi ta' taħriġ għandhom l-għan li jenfasizzaw li l-ilmenti dwar fastidju sesswali għandhom jitqiesu bl-akbar serjeta`. L-impjegati kollha tas-Servizz Pubbliku għandhom d-dritt għal taħriġ xieraq, regolari u kontinwu dwar il-prevenzjoni ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, sabiex ikun żgurat li dawn il-Linji Gwida jkunu qed jiġu segwiti dejjem.

8. ***Pariri u assistenza***

- L-impjegati li jkunu vittmi ta' fastidju sesswali jistgħu jibagħtu l-ilmenti tagħhom lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn Irġiel u Nisa (NCPE). L-impjegati jistgħu, jekk jixtiequ, jitolbu l-parir tal-Kap tad-Dipartiment tagħhom jew ta' xi persuna ta' fiduċja, anke jekk mhux uffiċjal pubbliku[2]. Il-pariri miksuba għandhom jiggwidaw lill-vittma f'dak li għandha tagħmel, skond il-gravita` tal-każ, bħal jekk għandhiex tressaq l-ilment b'mod formali jew informali. Meta l-aggressur jkun il-Kap tad-Dipartiment, il-parir għandu jinkiseb mill-livell ta' awtorita` ogħla, per eżempju, jekk il-Kap tad-Dipartiment ikun Direttur, għandu jinkiseb parir mingħand id-Direttur Ġenerali jew is-Segretarju Permanenti, skond il-każ.

- Huwa d-dmir tal-Kapijiet tad-Dipartimenti li joħolqu u jżommu ambjent ta' xogħol li ma jagħtix lok għal fastidji sesswali. L-impjegati, li jsiru jafu b'każ ta' fastidju sesswali, u mhumiex il-vittma, huma obbligati li jinfurmaw lill-Kap tad-Dipartiment responsabbli għall-allegat vittma sabiex tingħata kull għajnuna lill-vittma. Qabel xejn, il-Kap tad-Dipartiment għandu jsaqsi lill-allegat vittma tal-fastidju kif hu/hi jixtiequ li l-każ għandu jitqies, jiġifieri jew b'mod formali jew b'mod informali. Il-Kap tad-Dipartiment jista' wkoll, jekk il-vittma tal-fastidju tkun tixtieq, jitlob parir lill-*NCPE* dwar il-każ partikolari.

9. ***Każijiet ta' fastidju sesswali ttrattati b'mod informali***

- Għalkemm l-fastidju sesswali hu mingħajr dubju offiża serja, l-vittma tista' tagħżel li tittratta l-każ b'mod informali. Il-vittmi ta' fastidju sesswali

[2] Servizz ta' parir jista' jinkiseb minn entitajiet relevanti, li jinkludu l-Aġenzija Appoġġ

jistgħu jieħdu passi informali billi javviċinaw lill-allegat aggressur u jippruvaw isolvu l-kwistjoni ta' bejniethom b'mod informali. Dan isir, ġeneralment, billi l-vittma tgħid lill-allegat aggressur li l-imġieba tiegħu/tagħha mhix aċċettabbli u għandha tieqaf. Din l-azzjoni informali hi intenzjonata biex ikun evitat rimedju permezz ta' proċeduri formali, li jistgħu jwasslu għal passi dixxiplinarji, skond il-gravita` ta' l-allegata offiża. L-impjegati għandhom iżommu f'moħħhom li filwaqt li ċerti każijiet jistgħu jissolvew b'mod informali, l-impjegati għandhom id-dritt li jfittxu rimedju permezz tal-proċeduri formali li jipprovdi dan id-dokument.

- Fil-każ li l-vittma tħossha imbarazzata biex tavviċina lill-allegat aggressur, il-vittma tista' titlob l-għajnuna ta' xi kollega ħabib/a, jew ta' xi membru tal-familja tagħha biex tkellem lill-allegat aggressur b'mod informali dwar il-kwistjoni.

- L-impjegat li jkun akkużat bħala l-allegat aggressur għandu/ha dritt għall-għajnuna ta' xi kollega, ħabib/a, jew ta' xi membru tal-familja.

- Meta l-każ jitmexxa b'mod informali, m'hemmx limitu ta' żmien biex dan jissolva, pero` jekk se jsir ilment formali, jibdew japplikaw l-limiti ta' żmien imsemmija f'paragrafu 11.

- Meta Kap tad-Dipartiment jirċievi rapport mis-*supervisory officer* skond Regolament 5 (1) tar-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), li minn issa l-quddiem se jissejħu ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, huwa/hija għandu/ha l-ewwelnett jistaqsi lill-vittma jekk tixtieqx li jitmexxa l-każ b'mod informali skond dawn il-Linji Gwida, jew b'mod formali skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Kap tad-Dipartiment imbagħad jimxi/timxi skond kif mixtieq.

10. ***Ilmenti formali***

- Klijenti u impjegati li huma vittmi ta' fastidju sesswali jistgħu jressqu ilmenti formali, kemm mingħajr ma jirrikorru għall-proċedura informali msemmija f'paragrafu 9 hawn fuq, u anke jekk il-metodu informali ma jkunx solva l-problema. F'każijiet serji, hu rrakkomandat li l-impjegati jagħmlu lment formali. Meta jsir ilment formali, iż-żewġ partijiet jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' persuna li jagħżlu huma.

- L-ilment għandu jsir bil-miktub u għandu jinkludi:

  - l-isem tal-persuna li qiegħda tagħmel l-ilment
  - l-isem ta' l-allegat aggressur
  - it-tip ta' fastidju ;
  - id-data/i u l-ħin/ijiet ta' meta twettaq il-fastidju;
  - l-isem/ismijiet tax-xhieda ta' l-allegat inċident/i;
  - informazzjoni dwar passi oħra li forsi ttieħdu mill-vittma biex jieqaf il-fastidju;

- L-ilment għandu jkollu l-firma tal-vittma u għandu jintbagħat b'mod kunfidenzjali, skond ir-Regolament 5 (2) ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, lill-Kap tad-Dipartiment responsabbli ta' l-allegat aggressur. Meta l-allegat aggressur ikun il-Kap ta' Dipartiment (jew Direttur), l-ilment għandu jintbgħat lis-superjur immedjat tiegħu/tiegħha.

- Jekk il-vittma, jew l-allegat agressur ikunu vvittimizzati minn xi kollegi oħra minħabba l-imġieba tagħhom, jew minħabba l-allegata imġieba tagħhom, dawn il-kollegi jkunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinarja kontrihom.

## 11. *L-Investigazzjonijiet preliminarji ta' lmenti formali*

- Il-Kap tad-Dipartiment għandu jibda investigazzjoni preliminarja kemm jista' jkun malajr meta jirċievi l-ilment formali dwar fastidju sesswali. Il-Kap tad-Dipartiment għandu jżomm kopja ta' l-ilment formali ġo *file* kunfidenzjali.

- Jekk il-Kap tad-Dipartiment jagħżel li jagħmel/tagħmel investigazzjoni preliminarja, jista' jaħtar bord li jkun magħmul minn ta' l-inqas żewg persuni (mara u raġel, imma jekk l-offiża tkun ta' natura omosesswali, iż-żewġ membri tal-bord għandhom ikunu ta' l-istess sess tal-vittma u l-allegat aggressur). Kif jeżiġi l-Artiklu 5 (2) ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-investigazzjoni preliminarja għandha tingħalaq mhux iżjed tard minn ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta l-Kap tad-Dipartiment jirċievi l-ilment. Meta l-investigazzjoni preliminarja tkun konkluża, il-Kap tad-Dipartiment għandu jibgħat, b'mod kunfidenzjali, kopja tar-rapport dwar il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni preliminarja lill-persuna li għamlet l-ilment u lill-allegat aggressur, u jindika jekk humiex se jittieħdu aktar passi u x'inhuma, jekk ikun il-każ.

- Kemm il-persuna li tkun għamlet l-ilment, kif ukoll l-allegat aggressur għandha d-dritt li tkun akkumpanjata minn persuna magħżula minnha.

- Ix-xhieda tal-każ ikunu jistgħu jibagħtu dikjarazzjoni bil-miktub minnflok ma jidhru quddiem min qed imexxi l-investigazzjoni preliminarja. Kopji tad-dikjarazzjonijiet li jagħmlu ix-xhieda għandhom ikunu aċċessibbli kemm għall-allegat aggressur kif ukoll għall-persuna li għamlet l-ilment. Ix-xhieda huma mħeġġa li jidhru quddiem min qed imexxi l-investigazzjoni preliminarja jekk ikunu mitluba biex jagħmlu dan minn xi ħadd mill-partijiet. Is-Servizz Pubbliku jagħraf li xi xhieda jistgħu jħossuhom skomdi

li jagħtu x-xhieda tagħhom b’dan il-mod. F'dawn iċ-cirkustanzi, min ikun qed imexxi l-investigazzjoni preliminarja għandu, jekk ikun meħtieġ, jaġġorna s-smiegħ tal-każ biex jagħmel xi mistoqsijiet supplementari lix-xhieda f'seduta fil-privat. Ix-xhieda għandhom ikunu żgurati li ma jkunx ittollerat li jkunu vvittimizzati minħabba x-xhieda li jkunu taw.

- Il-persuna meqjusa bħala l-allegat aggressur għandha jkollha l-opportunita` li tiddefendi ruħha waqt l-investigazzjoni premlininarja.

- Jekk l-investigazzjoni preliminarja tagħti lok għal suspett raġonevoli li jkun hemm każ ta’ fastidju sesswali, għandhom jibdew immedjatament proċeduri dixxiplinarji skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

- Jekk mill-investigazzjonijiet preliminarji jirriżulta li l-ilment ma kienx ippruvat, kull dokument relatat mal-każ għandu jinqered skond il-*Public Service-HR Retention Policy*, li bdiet tintuża skond dak li teżigi l-liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Din l-investigazzjoni tkun bla ebda preġudizzju għal passi kriminali li l-vittma tista’ tiddeċiedi li tieħu.

- Persuni li inġustament jakkużaw lill-kollegi jew lis-superjuri tagħhom b’fastidju sesswali, jew li jressqu lmenti malizzjużi jew frivoli, ikunu huma stess soġġetti għal proċeduri dixxiplinarji jew kriminali.

12. ***Seduti ta’ dixxiplina/miżuri f’każijiet ta’ fastidju sesswali.***

- Jekk mill-investigazzjonijiet preliminarji jirriżulta li hemm raġunijiet biżżejjed biex tittieħed azzjoni dixxiplinarja kontra xi uffiċjal pubbliku, min ikun qed imexxi l-każ għandu jsegwi ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-

Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. F'każ meta l-aggressur ikun persuna b'kuntratt (li ma jkunx sar permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) jew apprentist jew student, il-Kap tad-Dipartiment għandu jappunta bord biex jinvestiga l-każ, u l-investigazzjoni tista' twassal għat-tkeċċija ta' l-aggressur.

- Minħabba li fastidju sesswali jista' jkun meqjus bħala offiża kriminali, il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jikkonsultaw ma' l-Avukat Ġenerali, skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qabel ma jiddeċiedu jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni fil-Qorti jew jekk għandhomx jinbdew proċeduri dixxiplinarji. Fil-każ ta' persuni b'kuntratt (li ma jkunx sar permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku), jew apprentisti jew studenti, il-Kap tad-Dipartiment għandu wkoll jikkonsulta ma' l-Avukat Ġenerali qabel ma jaħtar il-bord imsemmi hawn fuq.

- Fastidju sesswali hu meqjus bħala offiża serja, u għalhekk jista' jwassal għat-tkeċċija ta' dak li jkun.

- Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jiżguraw illi ma jkun hemm l-ebda vittimizzazzjoni jew ritaljazzjoni kontra l-persuna li tkun għamlet l-ilment, u jekk l-ilment li jkun tressaq ikun milqugħ, huma għandhom jiżguraw illi l-fastidju jieqaf. Jekk il-proċeduri dixxiplinarji ma jirriżultawx fi tkeċċija, jingħata l-parir, għalkemm mhux necessarju, illi l-aggressur ikun ittrasferit għal xi post ieħor, anki jekk fl-istess Dipartiment jew taqsima. Jekk l-aggressur ikun fuq *performance agreement* u jkun ittrasferit, jista' jkun hemm il-ħtieġa illi l-*performance agreement* tiegħu/tagħha jkun itterminat u jmur lura fil-grad sostantiv tiegħu/tagħha. F'dan il-każ, għandhom ikunu osservati il-proċeduri necessarji, permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, biex ikun itterminat il-*performance agreement*. F'każijiet bħal

dawn, il-persuna li għamlet l-ilment għandha d-dritt li tagħżel bejn li tibqa' taħdem fl-istess post jew li tkun ittrasferita.

- Appelli dwar il-proċeduri dixxiplinarji għandhom isiru skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. F'każ ta' persuni b'kuntratt li ma jkunx sar permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jew apprentisti jew studenti, l-appelli għandhom isiru lil awtorita` ogħla.

- Fejn l-allegat aggressur mhux uffiċjal pubbliku, il-proċeduri u t-termini taż-żmien stabbiliti permezz tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, għandhom japplikaw sa fejn hu prattiku.

## 13. *Konklużjoni*

Dan id-dokument inħoloq sabiex jitkompla l-proċess lejn aktar ugwaljanza bejn irġiel u nisa. Dan huwa xhieda ta' l-impenn tal-Gvern li jitratta lill-impjegati rġiel u nisa bl-istess dinjita`, u kull sforz għandu jsir sabiex dawn il-Linji Gwida jitwasslu lill-impjegati kollha u jkun żgurat li l-provedimenti tagħhom ikunu infurzati.